**22 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Lorenza Borg pr. et ne.

*versus*

Carmelo Borg et.

## EMIGRAZZJONI TA' ULIED MINORENNI — NUQQAS TA' KUNSENS TAL-MISSIER — L.N. 9/1962.

*L-awtorizzazzjoni għall-emigrazzjoni tat-tfal, mingħajr il-kunsens tal-missier, għalkemm investit bil-patria potesta ma teżorbitax mil-ġurisdizzjoni tutelari tal-Qrati. Dak li għandu jiggwida lill-Qorti hu finalment l-interess tat-tfal.*

Il-Qorti, Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li biha l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress li b'sentenza ta' dika l-Qorti tat-tlettin (30) ta' Marzu, 1963 l-attriċi otteniet is-separazzjoni legali minn żewġha b'tort unikament tiegħu imħabba swat, theddid, insulti u sevizzi u l-imsemmija minuri ġew fdati fil-kura tal-attriċi; u peress li l-konvenut minn dak iż-żmien l'hawn qatt ma ra lill-imsemmija uliedu anzi qal man-nies kontra tagħhom u naqas li jmantnihom u għażel li jmur il-Ħabs milli jmantni lill-istess martu u uliedu u qed jallega minflok li ibnu minuri Giuseppe mhux tiegħu; u peress li l-attriċi ħasset li jkun aħjar għaliha li

temigra għall-Awstralja flimkien ma ommha li dan iż-żmien kollu mantniha u tmur fejn missierha u ħutha hemhekk billi Malta ma fadalla lill ħadd; u peress li wara li għamlet il-proċeduri neċessarji għal biex temigra u ġiet nfurmata li tista ssiefer fix-xahar ta' Mejju meta tottjeni l-passaport għall-imsemmija wliedha minuri; u peress li l-Passport Officer irrifjuta nġustament li jirrelaxxja passaport għalihom mingħajr jew il-kunsens tal-missier, jew awtorizzazzjoni tal-Qorti, u dan nonostante li għat-tenur ta' Regulation 3 maħruġa b'legal notice numru 9 tas-sena 1962, maħruġa skond il-poteri mogħtija lill-Gvernatur b'Section 9 tal-Passport Ordinance (Kap. 98) tgħid li għandu jingħata passaport f'każ simili jekk l-omm jew persuna oħra tipprova li hija tutriċi jew kuratriċi tal-minuri, wara li juru lill-Passport Officer kopja tal-Ordni tal-Qorti li tpoġġi t-tarbija fil-kustodja tagħha, kif fil-fatt sar; u peress li l-attriċi għat-tenur tar-rikjesta tal-Passport Officer għamlet rikors quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, biex il-Passport Officer jiġi ordnat jirrilaxxa l-imsemmija passaporti u dik il-Qorti b'digriet tagħha tat-tnejn (2) ta' Mejju, 1964 irrimettiet lill-attriċi quddiem il-Qorti kompetenti stanti li l-konvenut Carmelo Borg oppona; u peress li fi kwalunkwe każ dina l-opposizzjoni fiċ-ċirkostanzi hija nġustifikata stanti li huwa fl-interess tal-minuri li jsiefru ma ommhom għall-Awstralja — talbet illi għarraġunijiet premessi u dawk li jirrisultaw (1) jiġi dikjarat u deċiż il-kunsens tal-attriċi biex jiġi rilaxxat passaport lill-uliedha fil-każ presenti huwa biżżejjed skond il-liġi tal Passaporti biex il-Passport Officer jirrilaxxa l-passaporti tagħhom; (2) u fi kwalunkwe każ jiġi dikjarat u deċiż li l-opposizzjoni magħmula mill-konvenut Carmelo Borg hija nġusta bla bażi u kontra l-interess tal-minuri; u konsegwentement dina l-Qorti tawtorizza hija lill-Passport Officer biex jirrilaxxa l-passaporti għall-imsemmija min-

uri; bl-ispejjeż kompriżi dawk tar-rikors anness maċ-ċitazzjoni.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Borg li biha jgħid illi huwa ma ddekadiex mill-patria potesta skond l-artikolu 176 jew l-artiklu 180 tal-Kodiċi Ċivili; illi l-attriċi mhix tutriċi tat-tfal minuri tal-kontendenti skond l-artiklu 186 tal-Kodiċi Ċivili; illi skond l-artikolu 69 tal-Kodiċi Ċivili l-konvenut għandu d-dritt u l-obbligu tal-manteniment u l-edukazzjoni ta' wliedu; illi l-attriċi mhix kuratriċi tat-tfal tal-kontendenti skond il-liġi billi l-istess tfal mhumiex interdetti jew inkapaċitati, jew għandhom lil missierhom assenti jew, skond l-artikolu 172 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Vincent Zammit li biha jgħid illi ċ-ċirkostanzi, u ċioe illi l-konvenut Carmelo Borg għandu l-patria potesta fuq it-tfal minuri u meta l-attriċi trid tieħu t-tfal il-bogħod minn dawn il-Gżejjer l-Awstralja, meta b'hekk il-missier ma jkunx jista jarahom aktar issuġġerew prudenza massima lill-esponent fil-għoti tal-passaporti relativi: illi l-esponent, salv ilii joppponi ruħu għall-ispejjeż f'din il-kawża, jirrimetti ruħu għad-direzzjoni ta' din il-Qorti.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju, 1964 li biha t-talbiet ta' l-attriċi ġew miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha wara li kkunsidrat:—

Li dina l-kawża oriġinat ruħha mill-opposizzjoni tal-konvenut Carmelo Borg mogħtija quddiem il-Qorti tas-Sekond' Awla fuq it-talba tal-attriċi biex tkun awtorizzata tieħu magħha l-Awstralja lit-tfal minuri Stella, Evelyn, Nicola, Doris, u Giuseppe aħwa Borg, li qegħdin fdati taħt il-kura tagħha in forza tas-sentenza mogħtija fit-tlettin

(30) ta' Marzu, 1963 fil-kawża ta' separazzjoni fl-ismijiet "Lorenza Borg vs. Carmelo Borg." In vista ta' din l-opposizzjoni l-Qorti tas-Sekond' Awla b'digriet tat-tnejn (2) ta' Mejju, 1964, irrimettiet lill-attriċi quddiem dina l-Qorti.

Li bħala konsegwenza ta' dana l-provvediment il-konvenut Vincent Zammit nomine irrifjuta li jirrilaxxa passaport għall-imsemmija tfal minuri mingħajr il-kunsens talmissier jew l-awtorizzazzjoni tal-Qorti.

Li ebda prova ma ġiet prodotta mill-attriċi li l-konvenut iddekada b'xi mod mid-drittijiet tal-patria potesta attribwita lilu mill-liġi (art. 154 Kod. Ċiv.). L-attriċi, pero, qegħda ssostni li għandha d-dritt li tieħu magħha lill-uliedha minuri għaliex il-kura tagħhom ġiet fdata lilha mill-Qorti, u għaliex is-separazzjoni personali ġiet pronunzjata bi ħtija tal-konvenut Borg, li kien jaħqar lill-uliedu billi ma jmantnihomx, u l-imġieba tiegħu kienet ta' ħsara lit-trobbija tat-tfal.

Li huwa veru li l-Qorti għal-raġuni tajba tista tagħti s-seta lit-tifel minuri li jitlaq mid-dar ta' missieru (art. 156 (1) Kod. Ċiv.); iżda dina l-misura adottata favur il-minuri li jkun allontana ruħu mid-dar ma tneħħi xejn mid-drittijiet li jibqgħu fil-missier, bħala l-unika persuna fil-familja li hija nvestita bil-patria potesta.

Li l-Patria Potesta tispiċċa biss "ipso jure" jekk it-tifel bil kunsens tal-missier, jitlaq mid-dar u jmur għal rasu (art. 176(a) Kod. Ċiv.). Pero, fil-każ in disamina, ma jirriżultax li l-konvenut Borg qatt ippresta l-kunsens biex uliedu jitilqu mid-dar, anżi rriżulta li dawna jinsabu mal-attriċi bi provvediment tal-Qorti f'kawża ta' separazzjoni u llum huwa qiegħed jopponi li jitilqu minn Malta, għaliex

b'dana l-mod jitlef kwalunkwe kuntatt magħhom. Huwa risaput li dik id-disposizzjoni tal-liġi ġiet interpretata fissens li hemm bżonn li t-tifel ikun fil-fatt kapaċi jgħix ekonomikament indipendenti mill-ġenituri tiegħu; iġifieri ikun emanċepat "di fatto"; dak li ma jidhirx li jista jingħad għall-każ presenti (Kollez. XXXV, I, 203); u f'kwalunkwe każ dina l-fakulta mogħtija mill-liġi lill-Qorti li tagħti s-seta lit-tifel li jitlaq minn dar missieru, hija eserċibbli filkonkors ta' ċirkostanzi gravi (Kollez. XIII, 390; XXXV, I. 203).

Inoltri l-provvediment ta' natura essenzjalment transitorja, li bih il-Qorti f'kawża ta' separazzjoni tafda l-kura tat-tfal lill-omm fl-aħjar interess tagħhom, m'għandux jittieħed bħala menomazzjoni tad-drittijiet tal-patria potesta, li l-missier jibqa jikkonserva u jeserċita għall-finijiet personali u patrimonjali fuq uliedu minuri li jkunu ġew distakkati minnu nċidentalment fil-ġudizzju ta' separazzjoni mingħajr l-ebda mod ma jkun sar pronunzjament fuq id-dekadenza tal-missier mill-patria potesta.

Li fil-Kodiċi Tagħna l-patria potesta hija riservata esklusivament għall-missier, għad-differenza tal-Kodiċi Taljan li, wara debattitu, fil-Commissione di coordinamento, il-patria potesta ġiet attribwita, skond il-proġett Pisanelli lill-ġenituri, b'dana pero li l-eserċizzju tagħha ġie rimess kompletament lill-missier. Mentri fil-Kodiċi Franċis dina l-potesta ġiet solidalment investita fil-missier u l-omm. Il-leġislatur tagħna ottjena ruħu mal-prinċipji esposti mill-Commissioni Senatoriali tal-Gvern Taljan. li esprimit l-opposizzjoni tagħha għall-abbinament tal-patria potesta fiż-żewġ ġenituri; b'dawna l-kliem "Questo principio che non puo dirsi conforme alla natura della societa domestica, non è proprio delle leggi e delle tradizioni itali che le quali sempre considerano la patria potesta come attributo del pad-

re, che è il vero ed unico capo della famiglia. . . noi amiamo meglio di raffigurarci nella famiglia il vero tipo di una piccola monarchia di cui il padre e il sovrano" (Verbali Commissione di coordinamento, XIII, n.4).

Li l-patria potesta ġiet dejjem intisa bħala kompless ta' drittijiet u doveri li għandu l-missier lejn it-tfal, u b'mod speċjali tikkomprendi dawk inerenti għall-edukazzjoni, għall-manteniment u għall-viġilanza tagħhom. Issa b'effett tas-separazzjoni tal-miżżewġin ma jistax ġuridikament jingħad li dawna l-attributi ma jkomplux jissussistu fil-missier, jekk ma jkunx hemm pronunzjament f'kawża istitwita appositament li biha l-missier jiġi dikjarat dekadut mid-drittijiet tal-patria potesta: "La decadenza della patria potesta deve essere **pronunciata espressamente dal tribunale,** ed ha luogo soltanto quando il genitore viola o trascura con grave pregiudizio del figlio i doveri ad essa inerenti." (Azzolina: "La separazione personale dei coniugi:" pag. 125); u Piola, ikompli jirribadixxi dana l-konċett, meta josserva: "La separazione personale agisce come cause modificatrice dell'organizzazione del potere al quale l'incapace trovasi sottoposto onde adattare il potere stesso alle necessita alle quali si deve provvedere, ma non produce l'effetto di rendere l'incapace sottoposto ad un potere diverso dalla patria potesta." (Delle Persone Incapaci, pag. 741; App. Milano, 7/X/1938, M.C.C. Monit. Trib. 1939, 142). Huwa veru li jeżistu leġislazzjonijiet li jammettu d-dekadenza tal-patria potesta bħala effett tal-kawża ta' separazzjoni (kodiċi Spanjol, (Art. 169 n. 2); pero huwa każ sporadiku u kważi l-awturi u l-leġislazzjonijiet kontinentali huma kollha konkordi li l-missier ma jitlifx il-patria potesta jekk mhux f'kawża u bi pronunzjament tat-Tribunali; għaliex l-effikaċja tal-provvediment tal-kollokament tat-tfal għand l-omm, li jiġi mogħti fil-kawża ta' separazzjoni: "è limitata agli attributi pei quali

la disposizione fu data, ma non porta pregiudizio alla patria potesta considerata nel complesso degli attributi l'esercizio della quale compete al padre" (Piola, ibid. pag. 873; Cassaz. Torino 20 Marzu, 1879; Foro Ital. 1879, 795).

Li t-talba tal-attriċi timplika allontanament definitiv minn dawna l-Gżejjer, fejn joqgħod żewġha, tat-tfal, li skond il-liġi l-missier għandu fuqhom id-dritt tal-viġilanza, li jidderiva mill-patria potesta (art. 155, Kodiċi Ċivili). Dana d-dritt ma jkunx jista jiġi eżerċitat mill-missier, li allavolja ma baqax jabita ma wliedu, jibqalu l-prerogativa li jipparteċipa fil u japprova dawk l-atti kollha direttivi fondamentali tal-ħajja ta' wliedu, bħala ma huma l-avvjament għall-professjoni jew mestier, u simili, li fuqhom ma jista jkollu ebda nfluwenza u kontroll jekk uliedu jitbedu minn dawna l-Gżejjer. Kien għalhekk li l-Ġurisprudenza Taljana, f'każ ta' diverġenza bejn il-ġenituri fuq kontinġenzi simili, iddelegat lit-Tribunal ordinarju, jew lill-Imħallef Tutilari (Qorti tas-Sekond' Awla) is-soluzzjoni relativa. (App. Bara — 7/XI/1924, Ex Golucci e Manggio Foro Rep. 1925, 1652).

Li l-attriċi f'dina l-kawża ma ghamlet ebda talba speċifika għall-pronunzjament tal-Qorti dwar id-dekadenza ta' żewġha mill-patria potesta; biss illimitat il-pretenzjoni tagħha fuq il-motiv tal-opposizzjoni nġustifikata tal-konvenut żewġha, tal-konvenut Zammit nomine kif ġa fuq esposti.

Li skond l-art. 180 (1) (a) u (b) tal-Kodiċi Ċivili, il-missier jista jiġi mneħħi mill-Qorti, mill-jeddijiet kollha ta' seta ta' missier, jew minn biċċa minnhom f'kull wieħed mill-każijiet hemm kontemplati u fosthom, jekk il-missier jaħqar lit-tifel, inkella ma jieħux ħsieb tal-edukazzjoni

tiegħu; u jekk l-imġieba tal-missier tagħmel ħsara lit-trobbija tat-tifel.

Li huwa veru li mill-kawża ta' separazzjoni rriżultaw xi wħud minn dawna l-motivi li għalihom il-konvenut seta jiġi privat mill-patria potesta, iżda dina l-Qorti m'għandha quddiemha ebda pronunzjament ġudizzjarju u anqas talba apposita biex tista tesawdixxi l-awtorizazzjoni mitluba mill-attriċi.

Li skond l-artikolu fuq ċitat il-Qorti ma tistax "marte proprio", tippronunzja d-dekadenza tal-konvenut mill-patria potesta, għaliex tkun qegħda tesorbita mill-konfini li fiha ġiet delimitata l-kontroversja; u quddiemha anqas ma' jista jkun leċitu li jiġu prodotti provi f'dana s-sens molto piu li l-konvenut qiegħed jikkontesta t-talba; u dana l-atteġġjament mhux indifferenti kien jirripeti ruħu kieku ssir it-talba għad-dekadenza tiegħu mill-patria potesta fuq uliedu. Għalhekk dina l-Qorti, f'dina l-kawża, ma tistax tieħu in konsiderazzjoni t-talbiet tal-attriċi, fin-nuqqas ta' talba apposita fis-sens ġa fuq enunċjat.

Li anki t-Tribunali tagħna huma tal-istess parir, u fil-kawża "Grech vs. Calafiore" deċiża mill-P.A. fl-erbgħa (4) ta' Diċembru, 1896, ġie stabilit il-prinċipju li: "l'abuso del potere paterno non produce di diritto la decadenza dalla medesima ed appartiene all'autorita giudiziaria di decidere, avuto riguardo alle circostanze, se il ġenitore siasi reso colpevole di atti talmente gravi da incorrere in siffata decadenza" (Kollez. XV, 625).

Li sewwa għamlet il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni volontarja meta rrimettiet lill-attriċi fil-kontenzjuż għaliex, każ bħal dana, illum huwa ta' rikorrenza ordinarja frekwenti,

u kien meħtieġ li l-awtorita amministrativa tieħu direttiva mill-Qorti, biex tkun tista timpedixxi awtorevolment il-ħruġ ta' passaport favur dawk il-minuri li ta' spiss jipprovaw isiefru anki kontra l-volonta ta' missierhom. Il-Qorti mhix awtorizzata tissupplixxi l-kunsens tal-missier sakemm dana jikkonserva integra l-patria potesta; in bażi għall-adaġju tas-sapjenza Romana; "In potestate nostra sunt liberi nostri, quos ex justis nuptus procreascimus" (pr. J. re potr. pot. 1, 9; għaliex altrimenti tkun qegħda taġevola b'mod l-aktar anti-ġuridiku l-proċess ta' disfaċiment tal-familja billi tippermetti li l-ulied minuri, jabbandunaw lill-missierhom fl-avventura tal-emigrazzjoni, li mhux dejjem jista jkollha għalihom dawk l-assikurazzjonijiet morali, patrimonjali u soċjali, meta huma jiġu biex jaffrontaw dina s-sitwazzjoni ġdida u diffiċli mingħajr l-għajnuna, il-gwida u l-appoġġ ta' min ġiebhom fid-dinja. In vista tal-konklużjoni li għaliha waslet dina l-Qorti, ma tidherx meħtieġa l-indaġini u deċiżżjoni tat-talbiet l-oħra li minnha jiddependu.

Rat in-nota li biha l-attriċi proprio et nomine appellat minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li tiġi revokata u t-talbiet tagħha jiġu milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-konvenut Carmelo Borg li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-konvenut Vincent Zammit li biha rrimetta ruħu għad-deċizzjoni tal-Qorti, b'dana illi ma għandux ibati ebda spejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet xi xhieda u kkunsidrat:—

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża jistgħu jiġu rijassunti kif ser jingħad.

B'sentenza tat-tlettin (30) ta' Marzu, 1963 mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili l-appellanti Lorenza Borg ġiet legalment separata mill-appellat Carmelo Borg, żewġha, fuq il-kawżali ta' swat, theddid, moħqrija u ngurji gravi da parti tiegħu kontra tagħha. Kontra Carmelo Borg ġew applikati d-dekadenzi kontemplati fl-artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili: il-kura tat-tfal komuni Stella, Evelyn, Nicola, Doris u Giuseppe ġiet fdata fidejn l-appellanti, u l-appellat Borg ġie kundannat biex iħallas lill-appellanti għaliha u għall-imsemmijin tfal pensjoni alimentarja ta' tlett liri u tnax-il-xelin (£3.12.0) fil-ġimgħa.

B'sentenza oħra ta' l-istess Qorti tas-sebgħa (7) ta' April, 1964, fuq talba ta' l-appellanti, ġiet dikjarata xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u l-appellat Borg, ġie likwidat l-assi soċjali konjugali u l-istess appellat Borg ġie kundannat jirrestitwixxi lill-appellanti l-beni tagħha, dotali u parafernali.

Fit-tlettin (30) ta' April, 1964 l-appellanti pprezentat rikors quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha li bih, wara li esponiet li l-appellat żewġha, nonostante l-imsemmija kundanna tiegħu għall-ħlas ta' l-alimenti għaliha u għall-uliedha, kien naqas li jissomministra dawk l-alimenti, u li hi kienet sejra temigra għall-Awstralia flimkien ma ommha bil'i l-familja tagħha kienet tinsab l-Awstralia, u li riedet tieħu magħha lill-imsemmija uliedha minuri, iżda l-Uffiċjal tal-Passaporti kien, ingustament, irrifjuta li joħroġ passaport għal dawk il-minuri mingħajr ordni tal-Qorti, talbet li dik il-Qorti tordna lill dak l-Uffiċjal biex joħroġ il-passaporti meħtieġa għall-imsemmija

minuri skond il-liġi. Peress illi, fir-risposta tiegħu għal dak ir-rikors, l-appellat Borg oppona t-talba, dik il-Qorti, bid-digriet tagħha tat-tnejn (2) ta' Mejju, 1964 irrimettiet lill-appellanti lill-Qorti kompetenti.

Minn hawn twieldet il-kawża presenti li ġiet magħmula in kontestazzjoni tant ta' l-imsemmi Carmelo Borg, żewġ l-appellanti, kemm ta' Vincent Zammit bħala Uffiċjal tal-Passaporti. Biha l-appellanti talbet li:—

(1) Jiġi dikjarat u deċiż illi l-kunsens tagħha. ċioe ta' l-appellanti stess, biex jiġi rilaxxat il-passaport lill-uliedha hu, skond il-liġi, biżżejjed fil-każ preżenti biex l-Uffiċjal tal-Passaporti joħroġ dak il-passport; u

(2) Fi kwalunkwe każ, jiġi dikjarat u deċiż illi l-opposizzjoni magħmula mill-appellat Carmelo Borg hi nġusta, bla bażi u kontra l-interess tal-minuri u l-Qorti għalhekk għandha tawtorizza l-ħruġ tal-passaporti msemmija.

Bis-sentenza issa appellata. l-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet iż-żewġ talbiet ta' l-appellanti. Sostanzjalment dik il-Qorti rriteniet illi, bis-separazzjoni personali, ankorke fuq ħtija tal-missier, dana ma jitlifx ebda wieħed mill-attributi tal-patria potesta li l-liġi tagħna tinvesti esklusivament fih. Fl-provvediment f'sentenza ta' separazzjoni personali, li bih il-kura u kustodja tat-tfal jiġu affidati lill-omm ma jġib ebda monomazzjoni tad-drittijiet tal-patria potesta. Biex dawn id-drittijiet jiġu nieqsa jinħtieġ illi jkun hemm pronunzjament f'kawża istitwita appożitament għalhekk li bih il-missier jiġi ddikjarat dekadut minn dawk id-drittijiet. Fost dawn id-drittijiet hemm dak ta' l-edukazzjoni, manteniment u viġilanza tat-tfal. Dan id-dritt ma jkunx jista jiġi eżerċitat mill-missier jekk it-tfal jiġu

allontanati definitivament minn dawn il-Ġżejjer, għax b'dan il-mod il-missier jitlef kwalunkwe nfluwenza u kontroll fuq uliedu. Għalkemm mill-kawża ta' separazzjoni jirriżultaw xi wħud mill-motivi li għalihom l-appellat Borg sata jiġi privat mill-patria potesta, b'dana kollu fil-kawża presenti l-Qorti ma għandiex quddiemha ebda talba apposita biex tista tiġi pronunzjata dik id-dekadenza. U sa kemm il-missier jikkonserva dik il-potesta, il-Qorti m'hix awtorizzata li tissuplixxi l-kunsens tal-missier biex l-ulied isiefru bħala emigranti.

In vista ta' din il-konklużżjoni l-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi ma kienetx meħtieġa l-indaġni u d-deċiżżjoni tat-talbiet l-oħra (ta' l-appellanti) li minnha jiddependu

Issa l-ewwel ilment ta' l-appellanti kontra dik is-sentenza huwa illi bil-mod li ddisponiet mill-kawża l-ewwel Onorabbli Qorti, ġiet deċiża d-domanda subordinata, filwaqt li tħalliet bla konsiderazzjoni u deċiżżjoni t-talba prinċipali. Skond din it-talba l-Passport Officer messu ġie ordnat jirrilaxxja l-passaporti in kwistjoni ġa la darba għall-ħruġ tagħhom kien hemm il-kunsens tagħha. Għall-finijiet ta' din it-talba — tgħid l-appellanti — hi irrilevanti l-kwistjoni tal-patria potesta li għada talvolta nvertita fl-appellat Borg u dan għaliex skond ir-regolament nru. 3 tar-Regolamenti pubblikati bil-Legal Notice nru. 9 ta' l-1962, l-omm għanda d-dritt li titlob il-ħruġ ta' passaport għall-uliedha minuri, ankorke l-missier ikun għadu ħaj, jekk b'ordni tal-Qorti hi jkollha taħt idejha l-kustodja ta' dawk uliedha. L-appellanti ssostni illi l-ewwel Onorabbli Qorti messa nvestiet din il-kwistjoni u ma kienx ikollha bżonn tidħol fit-tieni kwistjoni (dik li fil-fatt iddeċidiet) kieku laqgħet l-ewwel domanda.

Ir-regolament ċitat mill-appellanti ġie maħruġ mill-

Gvernatur, bis-setgħat li hu kellu skond l-artikolu 9 ta' l-Ordinanza dwar il-Passaporti (Kapitolu 98) li jagħmel, minn żmien għal żmien, regolamenti dwar il-forma, il-ħruġ, il-pussess, l-eżami u t-tiġdid ta' passaporti f'Malta. Dak ir-regolament jgħid hekk:—

> "(3) Children under eighteen years of age shall not be granted passport facilities without the written consent of their father, or, if he is dead, of their mother, tutor or curator. If, while the father is alive, the mother or any other person claims to be the tutor or curator of the child, she or he must produce to the Passport Officer a copy of the Court order committing the child to her or his custody."

Fis-sottomissjoni ta' l-appellanti dan ir-regolament ifisser illi l-Passport Officer kien obbligat li jirralaxxjala l-passaport għat-tfal una volta li hi għandha, bis-sentenza tas-separazzjoni, il-kustodja tagħhom u produċietlu kopja ta' dik is-sentenza. L-appellanti kellha dan id-dritt, li titlob dak il-passaport, ankorke hi ma ġietx nominata tutriċi jew kuratriċi ta' wliedha, għaliex il-kliem "claims to be the tutor or curator of the child" fir-regolament hawn fuq riportat jirriferixxu biss għal-"any other person" u mhux ukoll għall-omm. Il-kwistjoni tal-ħruġ tal-passaport — tissokta tgħid l-appellanti — skond dak ir-regolament, għandha titqies indipendentement minn kull patria potesta li jista jkollu l-missier, salv kull dritt li hu jista jkollu permezz ta' azzjoni speċifika.

Jekk ir-regolament in kwistjoni jinqara letteralment u jiġi nterpretat biss in bażi għar-regoli tal-grammatika, hu ċar fil-fehma tal-Qorti illi ma jistax ifisser dak li tippretendi l-appellanti. Letteralment u grammatikalment, il-kliem "claims to be the tutor or curator of the child" ov-

vjament jirriferixxu għall-kliem kollu li hemm qabilhom cioe "the mother or any other person." Kieku dan kien il-veru sinjifikat, biex jingħata passaport lill-tifel taħt it-tmientax il-sena, meta l-missier hu ħaj, kien ikun jinħtieġ illi l-omm li titolbu tkun tutriċi jew kuratriċi ta' dak it-tifel u mhux biss ikollha l-kustodja tiegħu.

Iżda l-Qorti taħseb illi dik ma hix l-interpretazzjoni vera ta' dak is-sub-regolament u li l-interpretazzjoni vera tirriżulta, inveċe, meta dak ir-regolament jitqies fil-kumpless kollu tiegħu, kunsidrata wkoll ir-regolamenti l-oħra u l-oġġett u li skop reali tiegħu. L-ewwelnett il-Qorti tir-rikjama l-attenzzjoni għas-subregolament immedjatament preċedenti li jħid illi:

> "(2) In the case of a child under sixteen years of age for whom a separate passport is required, a form known as Form B obtainable from the Passport Officer, shall be completed by the father, mother, tutor or curator of the child, in his or her own handwriting."

Jiġi osservat illi l-omm, hi menzjonata separatament għaliha mit-tutor jew kuratur.

L-istess ħaġa hi ripetuta fl-ewwel parti ta' l-istess sub-regolament in diskussjoni, li jgħid illi:—

"Children under eighteen years of age shall not be granted passport facilities without the written consent of their father or, if he is dead, of their mother, tutor or curator.

Insibu l-istess ħaġa wkoll fis-subregolament (2) tar-regolament 6 fejn jissemmew "the father, mother, tutor or curator."

Dawn il-kontesti juru, fil-fehma tal-Qorti, illi l-omm qiegħda tiġi kkunsidrata fil-kwalita tagħha bħala teli u mhux in kwantu jista jkollha l-kwalifika legali ta' tutriċi jew kuratriċi. Għar-rigward tas-subregolament in kwist-joni l-Qorti jidhrilha illi għandha raġun l-appellanti meta tgħid illi kieku kien meħtieġ illi l-omm tkun tutriċi jew kuratriċi ma kienx ikun hemm ebda bżonn li tissemma separatament minn "any other person", għaliex din il-frasi ġenerika kienet tkun tikkomprendiha.

Il-kliem ta' l-istess sub-regolament juri illi dak li hu rikjest li jkollu prova tiegħu l-Passport Officer biex imexxi domanda għal passaport għal persuna ta' taħt it-tmientax-il-sena meta l-missier għadu ħaj, mhux il-provvediment tal-Qorti li jinnomina persuna bħala tutur jew kuratur, iżda l-provvediment tal-Qorti li jagħti l-kustodja ta' dik il-persuna. Dan hu spjegabbli bil-fatt illi l-għoti ta' "passport facilities" mhumiex relatati ma l-amministrazzjoni tal-beni jew anki mar-rappresentanza għall-finijiet ċivili tal-persuna minorenni, iżda huma relatati mal-movimenti tal-persuna, u dak li jinteressha taħt dan l-aspett hu l-kustodja legali tagħha.

Dan li qed jingħad jidher konvalidat minn 'Nota Bene' stampata taħt in-nota 4(d) tan-'Notes' fuq il-Form B ta' l-applikazzjoni għal passaport għal tfal taħt is-sittax-il-sena. Din in-nota turi x'inhi l-intenzzjoni u l-portata vera in sintesi tar-regolament. Hi tgħid:—

> "N.B. The mother or any other person claiming legal custody during the lifetime of the father must produce the court order committing the child to her or that person's custody."

Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma illi s-subregolament in

kwistjoni għandu rettament jinqara u jiġi nterpretat bħal li kieku kien jgħid:

"If the father is alive the mother or any other person who claims to be the tutor or curator, must produce to the Passport Officer a copy of the Court order committing the child to be or his custody."

Vwoldiri illi l-omm, għall-finijiet ta' dan is-subregolament ma għandiex bżonn tipprova illi hi tutriċi jew kuratriċi tat-tifel: dak li għandha tipprova huwa illi b'ordni tal-Qorti hi għandha l-kustodja legali tiegħu.

Iżda, fil-fehma tal-Qorti dan ifisser biss, illi l-Uffiċju tal-Passaporti, jista meta għandu applikazzjoni quddiemu magħmula minn omm li għandha l-kustodja legali tat-tfal minorenni per eżempju b'sentenza ta' separazzjoni personali, jagħti "passport facilities" għal dawk it-tfal, fil-ħajja tal-missier. Ma' jfisserx, kif tippretendi l-appellanti, illi f'kull każ simili dak l-Uffiċjal hu obbligat li jagħti dawk il-faċilitazzjonijiet mingħajr ma jeżiġi. f'każ partikolari fein hu jidhirlu xieraq, direttiva speċjali mill-Qorti. Is-subregolament in kwistjoni jippreskrivi x'għandu jiġi ppreżentat lill-Passport Officer biex l-applikazzjoni tista tiġi kkunsidrata iżda ma jimpedixxi b'ebda mod illi dak l-Uffiċjal jirrikjedi l-gwida tal-Qorti f'ċirkostanzi speċjali. Il-provvedimenti tal-Qrati dwar il-kustodja ta' minorenni huma notarjament suġġetti għall-kontroll ta' l-istess Qrati.

Fil-każ presenti l-appellanti ma kienetx qiegħda titlob sempliċi ħruġ ta' passaport għall-uliedha f'ċirkostanzi normali, ngħidu aħna għal sempliċi visita barra minn Malta, iżda kienet qegħda titlob, kif spiega l-appellat Zammit, id-dokument speċjali approvat bejn iż-żewġ Gvernijiet biex emigranti minn Malta jistgħu jmorru bih l-Awstralja. Hu ħass

illi fiċ-ċirkostanzi speċjali kellu jkollu awtorizzazjoni 'ad hoc' mill-Qorti u l-Qorti jidhrilha illi dan kien sewwa u prudenti. Il-Qorti nfatti tinkoraġġixxi kawtela simili da parti tal-Passport Officer kull meta jista jkun hemm dubju jew diffikulta!

Kieku stess jingħad illi din l-awtorizazzjoni speċjali, fit-termini tar-regolament fuq imsemmi, ma kienetx neċessarja għall-għoti tal-passaport fih innifsu, il-Qorti ma għandha ebda dubju illi hi kienet indispensabbli għall-appellanti biex temigra t-tfal kommessi għall-kustodja tagħha. Il-provvediment ġeneriku mogħti fis-sentenza tas-separazzjoni li bieh it-tfal ġew fdati lilha jikkopri ndubbjament il-kura u kustodja tat-tfal għall-finijiet ordinarji u normali. Iżda att ta' natura straordinarja u anormali bħal ma hi l-emigrazzjoni, żgur, fil-fehma tal-Qorti, li jirrikjedi ordni speċjali.

Għalhekk il-Qorti fil-każ presenti ma tistax takkolji l-ewwel talba ta' l-appellanti mingħajr ma qabel tiġi kkunsidrata t-tieni talba. Jekk it-tieni talba ma tistax tiġi jew ma tiġix fil-fatt akkolta, is-soluzzjoni ta' l-ewwel talba tkun, fit-termini taċ-ċitazzjoni u ċ-ċirkostanzi magħrufa tal-każ priva minn kull utilita ġuridika.

Ġa ntqal illi l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet, in vista tal-eżistenza fil-missier tal-drittijiet ta' patria potesta illi awtorizazzjoni simili ma tistax tingħata.

Il-kwistjoni hi gravi u delikata u l-Qorti ħasbet fuqha ansjosament u bir-reqqa kollha. Jekk hi waslet għall-konklużżjoni diversa dan hu ċertament mingħajr ma tissottovaluta jew tonqos li tapprezza r-raġonamenti qawwija magħmulin fis-sentenza elaborata ta' l-ewwel Onorabbli Qorti.

Każ li, fil-fattezzi ġenerali tiegħu ma kienx dissimili għal dak presenti, kien dak fl-ismijiet "John Cutajar vs. Amelia Cutajar et" deċiż mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar, 1956. Il-konvenuta li kienet separata legalment b'sentenza minn żewġha, l-attur, u kellha l-kustodja ta' binthom minuri, kienet otteniet mis-Sekond' Awla l-awtorizazzjoni biex tieħu t-tifla magħha l-Awstralja fejn kien bi ħsiebha temigra flimkien mal-ġenituri tagħha. L-attur impunja dak id-digriet: iżda l-Prim' Awla ikkonfermat għaliex irriteniet illi l-provvediment kien fl-aħjar interess u vantaġġ tal-minuri.

Din il-Qorti tikkondividi ma dik il-Qorti l-fehma illi fi kwistjoni ta din ix-xorta dak li għandu jiggwida l-Qorti finalment hu l-interess tat-tfal. Dana, s'intendi, ma jfisserx, illi għandhom jew jistgħu jiġu konkulkati jew injorati d-drittijiet tal-patria potesta. Iżda, fil-fehma tal-Qorti hu veru, anki fil-liġi tagħna, dak li jgħid Laurent "Per chi, in caso di conflitto fra il preteso diritto del padre ed il diritto vero del figlio, dovra l'interprete pronunziarsi? Evidentemente pel fanciullo. E'cio' che ha fatto la gurisprudenza." (Vol. 4 §260).

Għad illi s-separazzjoni personali, anki jekk fuq ħtija tal-missier, per se ma ttellifux id-drittijiet tal-patria potesta, b'dana kollu ma' jistax ikun hemm dubju illi, meta l-kura u kustodja tat-tfal ma tkunx ġiet afdata lilu, l-eżerċizzju prattiku ta' dawk id-drittijiet rigward il-persuna ta' wliedu jiġi severament modifikat. Ċertament jispiċċa l-obbligu tat-tfal li jgħixu fid-dar ta' l-missier jew fil-post li hu jiddestinalhom. Tassew li normalment il-missier jibqgħalu, meta l-kustodja tkun ġiet kommessa lill-omm, id-dritt li jivviġila fuq l-edukazzjoni tat-tfal (kif jibqgħalu l-obbligu ta' l-alimenti), iżda dak id-dritt jibqgħalu mhux għaliex dak hu attribut tal-patria potesta. Infatti bl-ar-

tikolu 14 tal-Kodiċi Ċivili l-obbligu ta' l-edukazzjoni hu mpost fuq iż-żewġ ġenituri u fl-artikolu 69 l-istess dritt ta' viġilanza hu riżervat anki lill-omm fil-każ li l-kustodja tkun ġiet afdata lill-missier. U dan id-dritt ta' sorveljanza fil-missier l-anqas hu talment marbut mal-patria potesta li ma jistax jiġi privat minnu ħlief jekk jiddekadi mill-patria potesta: tant hu hekk illi fis-sentenza tas-separazzjoni jew bi provvediment wara, indipendentement mill-fatt li l-patria potesta tkun għada teżisti, il-Qorti tista, jekk hekk jirrikjedi l-interess tat-tfal, per fino timpedixxi lill-missier kwalunkwe aċċess lejn it-tfal.

Il-Qorti qiegħda tirrileva dana biex turi illi, nonostante li s-separazzjoni personali bejn il-ġenituri, anki jekk fuq ħtija tal-missier, minnha nnifisha ma jġibx id-dekadenza tiegħu mill-patria potesta, b'dana kollu l-Qorti tista in konnessjoni u bħala konsegwenza tagħha, indipendentement minn kull kwistjoni formali ta' dik id-dekadenza, tagħti provvediment li, fil-fatt, jissottrahu t-tfal għal kull inġerenza jew influenza effettiva fuq it-trobbija u l-edukazzjoni tagħhom da parti tal-missier, dejjem jekk, fil-fehma tagħha, dan ikun neċessarju għall-aħjar ġid tat-tfal.

Anki apparti mis-separazzjoni personali, it-tfal, għalkemm soġġetti għall-patria potesta, jistgħu mill-Qorti, u mingħajr ebda pronunzja ta' dekadenza tal-missier minn dik il-potesta, jiġu, għall-kawża ġusta awtorrizzati jħallu d-dar tal-missier. Meta bis-saħħa ta' din id-disposizzjoni t-tifel jitqiegħed taħt kustodja diversa jew, per eżempju, jiġi kollokat f'istitut, "non vi è dubbio come il genitore rimanga nel fatto privo di ogni potere direttivo sulla educazioni del figlio, rimessa invece ad altre persone . . . Tale sanzione è ben diversa da quella . . . la quale commina la perdita della patria potesta.'

Dana kollu jaqbel ma dak li rriteniet il-ġurisprudenza Taljana, nvokata fis-sentenza appellata fis-sens illi "f'każ ta' diverġenza bejn il-ġenituri fuq kontinġenzi simili (jiġifieri ta' konflitt bejn id-drittijiet tal-patria potesta u l-interessi veri tat-tfal) is-soluzzjoni hi delegata lill-Imħallef Tutelari jew lit-Tribunali Ordinarji.

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-awtorizazzjoni għall-emigrazzjoni tat-tfal, mingħajr il-kunsens tal-missier, għalkemm investit bil-patria potesta, ma teżorbitax mill-ġurisdizzjoni tutelari tal-Qrati. Il-provvediment hu ndubbjament drastiku u jista jkun penus, iżda f'dati kontinġenzi jista jimmanifesta ruħu essenzjali jew inevitabbli biex jiġi assigurat l-aħjar ġid tat-tfal, li, kif ġa ntqal, hu fl-aħħar annalisi, il-kriterju suprem għas-soluzzjoni ta' dawn il-konflitti: U m'hemmx bżonn illi biex dak il-provvediment jista jingħata, fil-kontesti fuq imsemmija, illi l-missier ikun iddekada minn dik il-potesta. Bosta drabi meta provvedimenti ta' din ix-xorta jkunu neċessarji (partikolarment fil-każ ta' separazzjoni personali bejn il-ġenituri bi ħtija tal-missier) ikun hemm anki lok dekadenza: iżda ma jidherx li hu loġiku li, għaliex il-provvediment ikun neċessarju fl-interess tat-tfal, wieħed għandu iġiegħel bil-fors, biex il-provvediment jista jingħata, illi tiġi pronunzjata qabel xejn dik id-dekadenza. Manifestament dan anqas hu fl-interess tal-missier. Għaliex l-interess tat-tfal jista jeżiġi menomazzjoni ta' ċerti attributi tal-patria potesta, m'hi ebda raġuni, fil-fehma tal-Qorti, biex tiġi rikjesta bħala kondizzjoni, s-soppressjoni totali jew parzjali ta' attributi oħra (per eżempju dwar il-beni tat-tfal) li m'hix neċessarja jew mitluba.

Minn dan li ntqal hawn fuq jidher, fil-fehma tal-Qorti, illi waqt illi hi vera l-proposizzjoni illi d-dekadenza tal-

missier mill-patria potesta trid tkun espressament pronunzjata mit-tribunal fuq talba għalhekk (ħlief meta tokkorri 'ipso jure'), minn dan ma jsegwix illi f'kawża ta' separazzjoni jew in konsegwenza tagħha jew anki f'ċerti każi apparti minn kawża simili l-Qorti ma tistax tagħti provvedimenti dwar il-kura, kustodja u trobbija tat-tfal li, fil-fatt, mingħajr ebda pronunċja ta' dekadenza, jinċidu fuq l-ezerċizzju u jimmenomaw materjalment uħud millattributi ordinarji ta' dik il-potesta.

Kif intqal din il-Qorti ma hix ta' fehma illi minn dawn il-provvedimenti hu eskluż, in prinċipju, dak li jawtorizza s-safar tat-tfal. Forsi tista ssir riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti Vol. XXII, I, 121, li tidher li ma rriprovatx l-għixien ta' l-ulied ma l-omm separata, f'pajjiż barra minn Malta u saħansitra rrikonoxxut id-dritt tagħhom għallalimenti jekk ikunu fil-bżonn u jiġi ippruvat illi kien flinteress tagħhom li jibqgħu jgħixu f'dak il-pajjiż.

Tibqa l-kwistjoni jekk dan il-provvediment hux ġustifikat fil-każ preżenti.

Dwar din il-kwistjoni, din il-Qorti, tħossa fortement impressa bir-raġonementi kontenuti fis-sentenza tal-Prim' Awla ġa fuq citata in re "Cutajar vs. Cutajar." Anzi forsi ċ-ċirkostanzi tal-każ prezenti jidher aktar impellanti.

Is-separazzjoni fil-każ preżenti ġiet pronunċjata fuq ħtija esklusivament ta' l-appellat Borg, konsistenti fi swat, theddid, moħqrija u nġurji gravi. Il-kustodja tal-ħames ittfal minuri ġiet affidata lill-appellanti. Ġie ġa rilevat illi bejn l-appellanti u l-appellat żewġha ġiet anki terminata u likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti, dak li jidher li jirrendi l-prospetti ta' rikonċiljazzjoni wisq aktar remoti.

Nonostante l-kundanna ta' l-appellat Borg bis-sentenza tas-separazzjoni, l-appellanti xehdet illi hu ma tahix manteniment la għaliha u lanqas għall-uliedhom, fi żmien ta' aktar minn sena, ħlief xi darbtejn jew tlieta biss u dan kien ikun għaliex hi kienet tissekwestralu l-paga. Minħabba f'hekk hi u wliedha kienu kostretti li jgħixu b'dak li kienet tirċevi mir-relief u b'xi ħaġa li tgħina ommha. Jirriżulta mill-pedina penali eżibita, illi bejn t-tlieta u għoxrin (23) ta' Awissu, 1962 u t-tmientax (18) ta' April, 1964 l-appellat Borg ġie għal erba darbiet kundannat għal detensjoni talli ħalla lill-appellanti u l-ulieda bla għajxien. U fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April ta' din is-sena hu ġie anki kkundannat talli nġurja gravament lill-appellanti.

Oltre li naqas li jmantni lill-appellanti u lill-uliedu hu kien anki persistentement jittraskura li jmur jara lill-uliedu għad illi l-appellanti kienet regolament teħodomlu l-għassa biex jarahom. Dan mhux vuoldiri li ma mar qatt iżda aktar ma marx inkella mar. L-aħħar li mar jarahom, qabel din il-kawża, kien ilu aktar minn sena.

Wara s-separazzjoni l-appellanti kienet saret taf illi l-appellat Borg kien ser jitlaq lejn l-Ingilterra u żammitu b'impediment ta' partenza.

Tnejn mit-tfal ta' l-appellanti li xehdu qalu illi missierhom anqas meta jiltaqa magħhom fit-trieq ma jieqaf biex ikellimhom.

L-appellanti għandha l-familja tagħha kollha ċioe l-missierha u ħutha l-Awstralja. Ommha tinsab hawn Malta unikament għaliex meta beda l-inkwiet bejn l-appellanti u żewġha hi ġiet biex tgħina. Veru li omm l-appellanti xehedet, b'ġenerozita u mħabba ta' omm, illi jekk l-appellanti ma ssieferx, hi bi ħsiebha tibqa hawn Malta għal-

kemm żewġha u wliedha l-oħra kollha huma msiefra, "għaliex inkella ma jkolliex moħħi kwiet." Iżda l-Qorti ma jidhriliex li ħadd għandu d-dritt jeżiġi dan is-sagrifiċċju, sempliċement biex l-appellanti jkollha minn jgħinha għax l-appellat naqas u qed jonqos mid-doveri tiegħu lejn martu u wliedu.

L-appellanti xehdet illi fil-fehma tagħha t-tfal fl-Awstralja jkunu aħjar. Hawnhekk hi ma tistax taħdem biex tgħajjex sewwa lill-uliedha peress illi tnejn mit-tfal huma żgħar ħafna u għaliex hawnhekk l-uniku xogħol li tista tagħmel hu li tidħol man-nies. L-Awstralia tkun tista tingħabar mal-familja tagħha u jkollha l-għajnuna tagħhom. Mad-Dipartiment ta' l-Emigrazzjoni l-pratiki huma kollha kompletati biex hi u wliedha jistgħu jsiefru.

Ċertament l-emigrazzjoni f'pajjiż imbiegħed hi pass serju li mhux dejjem jirnexxi. Min-naħħa l-oħra, pero forsi wieħed anqas għandu jkabbar iżżejjed ir-riskju u l-isvantaġġi tagħha mingħajr ma jaħseb ukoll illi għal bosta u bosta eluf ta' maltin offriet soluzzjoni u vantaġġi li jeċċedu dawk li setgħa joffri pajjiżna. F'ċirkostanzi normali hu veru illi tfal taħt l-eta ma għandhomx "jabbandonaw lill-missierhom fl-avventura ta' l-emigrazzjoni . . . meta huma jiġu biex jaffrontaw din is-sitwazzjoni ġdida mingħajr l-għajnuna, il-gwida u l-appoġġ ta' min ġiebhom fid-dinja." Iżda din ir-riflessjoni ma jidherx verament li għandha rilevanza għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Appuntu minħabba l-kondotta skorretta tiegħu u n-nuqqas ta' l-osservanza tad-doveri tiegħu lejn martu u wliedu, l-appellat ikkaġuna s-separazzjoni minn martu u ġiegħil lill-Qorti li taffida lit-tfal għall-kura u l-kustodja ta' ommhom. Edba għajnuna jew gwida jew appoġġ u ebda ħsieb serju għall-edukazzjoni u t-trobbija tagħhom, l-anqas

għall-għajxejn materjali, ma ta' u qed jagħti l-appellat Borg lill-uliedu.

Fil-fehma tal-Qorti hu aktarx għar għat-trobbija tat-tfal li jibqgħu jgħixu taħt it-tensjoni tal-konflitti li kkaġunat u baqgħet tikkaġuna l-kondotta tal-missier lejn ommhom. Għal dawk li jistgħu jkunu l-prospetti tagħhom ta' skola u xogħol il-Qorti ma għandha ebda raġuni biex taħseb li jistgħu jkunu għalihom għar ġewwa l-Awstralja.

Jekk l-appellanti tiddeċiedi li temigra — kif ma jidherx li lilha jista jiġi negat id-dritt — mingħajr it-tfal, l-alternativa li dawn isibu ruħhom fiha tkun illi jew jiġu affidati lill-appellat Borg, u dan ġa ġie rikonoxxut mill-Qorti inespedjenti għall-interess tagħhom, jew li jiġu kollokati f'istituti li, kif illum kulħadd jirrikonoxxi m'hux rimedju li għalih wieħed għandu jirrikorri sa kemm tkun possibbli l-ħajja fil-familja naturali jew almenu, meta l-ġenituri jkunu separati ma l-omm jew mal-missier skond lil min minnhom tkun ġiet avdata l-kura u kustodja tagħhom.

Għal dawn il-motivi u fiċ-ċirkostanzi fuq delineati din il-Qorti hi ta' fehma illi l-oppozizzjoni ta' l-appellat Borg għall-għoti ta' passaport għall-uliedu u għas-safar tagħhom ma l-appellanti ommhom hi nġustifikata u kontra l-interessi tagħhom: u, kwindi tiddeċiedi billi tilqa l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa t-talbiet ta' l-appellanti fis-sens illi tawtorizza lill-appellat Zammit li jirrilaxxja l-passaporti jew dokumenti meħtieġa għas-safar tat-tfal għall-Awstralja u tawtorizza lill-istess appellanti li toħroġ magħha minn Malta, diretti għall-Awstralja, l-imsemmija wliedha.

L-ispejjez kollha tal-kawża jibqgħu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jħallsu l-appellat Borg.